# Lehen il-Malti

MAĦRUĠ

MILL-*GĦAQDA TAL-MALTI* (UNIVERSITÀ)

The Royal University of

**L-Ewwel Sena** **Novembru 1931** **No. 9**

Stampât fl-"Empire Press" 266, Strada San Paolo — Il-Belt

// LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

DIRETTUR: ĠUŻÈ BONNICI, B.SC., M.D.

NOVEMBRU 1931 ] L-EWWEL SENA [ Nru 9

# IL-KONKORSI TAGĦNA

F'dawn iż-żewġ konkorsi li għamilna sibna ħaġa li qatt ma konna nistennewha: li l-proża rebħet lill-poeżija, u n-novelli kienu aħjar ħafna mill-poeżijiet li waslulna. Il-mixi l-quddiem li għamlet in-novella fl-ilsien malti huwa ħaġa li ma jistax ma jferraħx lil dawk kollha li jħobbu l-ilsien malti b'imħabba safja, ma jistax ma jqawwix qalb min q'ed jaħdem biex iqajjem u jġib il-quddiem ilsien art twelidna. Ħafna min-novelli li waslulna kienu maħdumin b'sengħa tajba u min kitibhom wera li l-quddiem jista' jkun, jekk jissokta jikteb bid-dehen, wieħed mill-mexxejja ta' l-ilsien malti.

Iżda, min-naħa l-oħra, ma nistgħux ma nurux is-sogħba tagħna għall-għamla u għall-qalba tal-poeżijiet li waslulna. Ftit ħafna mill-poeżijiet li ġew f'idejna kienu tajba. Ħafna mill-kittieba wrew li anqas għadhom jafu biss xi tfisser poeżija. Il-poeżija ma hiex ġabra kif ġie ġie ta' kliem kemm tlaqqat vrus biż-żejjed biex tagħmel strofa, iżda jrid ikollok vrus ġerrejja u għannejja u mimlija b'dak kollu li jferraħ jew idejjaq qalb il-bniedem, b'dak kollu li fiha il-ħajja. Nittamaw li darba oħra jkollna poeżiji wisq iżjed aħjar minn dik li kellna din id-darba.

1. Premju tan-Novelli rebħu s-Sur Nicola Biancardi, Valletta "*f'Kerrejja*"; 2. is-Sur Gius. Micallef Goggi Tarxien "*Kemm jilħqilha*"; 3. is-Sur Nazarenu Carabott, Zejtun "*Buqar Għażiż*"; Insemmu b'tifħir Mary Caruana Valletta, "*Qawma għall-ħajja*"; Victor Apap Valletta, "*Tfajla tal-lum*"; 1. Premju Poeżija s-Sur Giorgio Pisani Victoria Gozo, "*Quddiem Kemmuna*"; 2. is-Sur Arthur Vassallo Valletta, "*Omm*"; 3. Anonimu "*Lil Mirjam*"; Insemmu b'tifħir is-Sur Jos. Demanuele Valletta, "*Baħar tal-Mistrieħ*"; Ħaqqu tifħira s-Sur Nazzarenu Carabott għall-ortografija tajba li biha kiteb in-novella tiegħu.

The Royal U

[*Din ħadet l-ewwel premju tan-novelli*]

# F'KERREJJA

—Dawk għajnejk donnhom żewġ stilli,
it-tnejn jiddu daqs ix-xemx;
jekk iddur id-dinja kollha
isbaħ minnhom żgur ma......

—Biż-żejjed! Mela ma għandekx żejt f'wiċċek? qalet imbħerna Lonza lil bintha ta' ħmistax-il-sena li kienet qegħda tlaħlaħ biċtejn ħwejjeġ fil-paġġatur tagħhom.—Ma tafx li Żeża ta' taħtna tħossha ħażin?!

—U iva... m'hiex sejra tmut! Il-bieraħ kont qegħda nkellimha. Alla jbierek saret daqshiex u billi din il-ħabta żewġha qgħed jaqlagħha minn taħt l-art, qaltli li ma ddumx ma tixtri tifel.

—Isa... fittex spiċċa; ilek minn dal-għodu f'dawk il-biċtejn. Mur ara l-fenek fiex inhu li ma jinħaraqx.

U l-bint daħlet ġewwa b'geddumha mdendel fuq li ommha kisretha u ma ħallethiex tissokta l-għanja.

* * *

—M'għandekx tatini werqa karfusa, hux, Lonz? qalet oħt Żeża li kienet qegħdha tagħmel ftit brodu lil oħtha li kienet sejra ssir omm.

—Għala lè, Ċett? Oħtok kif inhi?

—Bagħtet għat-tabib; naħseb li jkollu jmidd idejh hu.

—Miskina!

—Fit-tfal l-oħra li kellha wriet seba' saħħiet; did-darba ma nafx x'daħlilha...

—U lè...k'Alla jrid kollox isir b'wiċċ il-ġid.

Lonza daħlet ġewwa u newlitilha werqtejn karfusa.

—It-tfal l-oħra fejn huma, Ċett? Ma hawnx ħosshom.

—Imxerrdin...taf int ħlief kamra waħda u daqsxejn ta' kċina m'għandhiex: il-kbir mar jati l-aħbar lil missieru; is-subien l-oħra bgħatnihom għand nannithom u l-bniet qegħdin ftit għand Sunta ta' quddiemek; hawnhekk ma jixraqx joqogħdu.

—X'jidhirlek? Jiena ma nitkażax bikhom għax gabuba bħalkom għandi b'kera għoli nfern!

—Xi trit titkaża, ruħi? Hawn ġew kullħadd xorta għandu: norqdu, inqumu, nieklu, nilbsu, ngħammru ma' żwieġna...u kull ħaġ'oħra f'kamra waħda; bniet u subien flimkien; filgħodu, malli nqumu, inkunu sejrin nifgaw bl-irwejjaħ li jisbħu.

—Eh !... ix-xlief ta' żwieġna ma tantx iwassal.

— L-aħħar darba għax lit-tabib għidtlu hekk, ħadni qatta bla ħabel u qalli: "Basta titgħabbew bit-tfal !" Jabbni...rajtx ? Issa nagħmlu bħalu biex is-saħta t'Alla tinżel fuqna.

—U żgur...imbagħad tajjeb u ħażin dejjem għexna, avolja tiegħi m'għandux ħlief 16 il-xelin fil-ġimgħa.

F'dan il-waqt, it-tifla ta' Lonza ħarġet tiġri minn ġewwa:

—Ma... Ma...

—Xix-xjafek ġara ?

—Mit-tieqa tagħna lmaħt lit-tabib ġej.

—Lonza marret tat titwila:

—Ċett, wasal it-tabib t'oħtok; għandu xeħta ta'wieħed imqit.

—Jiena ma nlumux : ix-xogħol tat-tobba huwa xogħol ta' reqqa kbira u fil-kmamar żgħar u mudlama tagħna ma tantx jaħdmu għal qalbhom. Jekk jidħol ħmar, iħalli denbu barra. Dieħla Lonz.

—Jekk ikollkom bżonni, sejħuli.

—Isbaħ din ...il-Bambin ikun jafulek.

* * *

Malli oħt Żeża daħlet, Karmni, li kienet qegħda tissemma' kollox, xirfet fuq il-ħadid li jati għall-bitħa tal-kerrejja biex tkun tista' aktar tilħaq salib il-ġirien tagħha u ħalli f'xi ġlieda jkollha biex tisserdak.

Wara li rat lit-tabib dieħel għand Żeża, mimlija għejra u mibgħeda, daret fuq Lonza li kienet qegħda tlaħlaħ il-biċtejn ħwejjeġ li ħalliet bintha x-xbejba u qaltilha :

—X'jidhirlek, Lonz ?...

—Ħwejjeġ t'Alla dawn, Karm.

—Mitt darba u elf, iżda l-kliem żejjed għall-avukati tajjeb...

—X'jiġifieri ?

—Mela nsejt x'kienet għajret lil binti, Żeża ?...Binti tbigħ is-saħħa u jekk sal-lum ma kellhiex tfal, ma għandha l-ebda ħtija, għax sa wegħda mal-Madonna tal-Karmnu għamlet fuq hekk. Din fiha tgħajjira ? Ma ħarġitx għammiela bħali.

— Dawn bluhat: hawn min kellu għaxar snin fuq iż-żwieġ u wara fâr bit-tfal.

—Imbagħad... isma' Lonz: it-tfal sbieħ, imma ħafna jsalbuk; trid iżżoqqhom, tlibbishom, tibgħathom id-Dutrina u l-iskola u, fuq kollox, ma tridx tarahom agħar mit-tfal tal-ġirien...

—... u l-mard ma jonqosx !

—Hekk iva: daqqa jinxteħet wieħed u daqqa l-oħra. Dik ta' taħtek bil-kemm għandha 27 sena u diġa' għandha sitt

iżrameċ. Trid tagħmel salib fuq żaqqek daqs kemm jieklu; dejjem jilgħabu fit-trab u jieklu il-ħobż.

* * *

Il-lukkett tal-bieb ta' Żeża nfetaħ bis-sabta u minnu ħarġet, b'għajnejha jleqqu bil-ferħ, Ċetta.

Karmni, mingħajr ma ħallietha taraha, qabdet il-bieb ta' kamritha, tatu tisbitha u daħlet il-ġewwa bla kliem u bla sliem.

—Lonza... Lonz!

—Hawn Ċett, kollox sew?

—It-tabib ġieb ir-risq: malli daħal hu żdiedna b'tifel il-ġmiel tiegħu; qiesu ċappa laħam, Alla jħarsu minn kull għajn

—Ħwejjeġ tal-għaġeb: ix-xewqa t'oħtok din kienet. Risq u barka!

Z. C. B. (Nicola Biancardi).

[ *Din ħadet it-tieni premju* ]

# KEMM JILĦQILHA

## ĦRAFA LI GĦANDHA MILL-VERU

Tliet nisa—Katrin Wenza, u Lunzjat—ġirien u ħbieb tal-qalb, ħarġu għodwa waħda passiġġata. Wara li tbegħdu ħafna, iż-żgħira fosthom lemħet fl-art, ftit il-bogħod minnha, xi ħaġa tleqq, għalhekk qalet lil sħabha: "Araw xi djamant x'ilekk fid-dawl tax-xemx."

Il-kbira qaltilha: "dak mhux djamant, imma xi xaqqufa li ħabtu fuqha r-raġġi tax-xemx."

"Lè! kompliet il-fustanija—"dik xi żġieġa!

"Lè, dak djamant!"—"U lè, dik xaqqufa vverniċjata!"—U ħallina minnkom, id-djamanti hawn jinsabu ?... dik żgur xi biċċa żġieġa..."—u kelma ġġib lill-oħra kienu sejjrin jiġġieldu. Il-kbira li kellha wisq mid-dinja qaltilhom :—"Immorru ħdejn l-oġġett, u jekk hu djamant jieħdu min lemħu l-ewwel."

Hekk għamlu!... Kif waslu ndunaw li kien djamant tassew, u minn l-isbaħ, u għalhekk il-kbira kienet pronta ħatfitu, u ma riditx titilqu mn'idejha, għal xejn iż-żgħira sserdket kemm felħet, urietha li jmiss lilha għax hi kellha raġun. Għal xejn il-fustanija għajritha tosta u ħalliela, il-kbira ma riditx tatihulhom, għalhekk wara ħafna ġlied waslu fir-raħal tagħhom, u kif raw

il-ġendarm, irrakontawlu kollox, dan ħadhom għal quddiem is-sindku.

Is-sindku, raġel għaqli, wara li semagħhom qallhom:—"Ittlieta għandkom raġun, iżda d-djamant hu wieħed biss, għalhekk ħalluh hawn, u dik fostkom li l-iktar għandha ħila tidħak b'żewġha daħka gwappa, ikun tagħha, għax tassew ikun imiss lilha. U hekk, għal dak il-mument ilkoll kemm huma ħarġu ferħanin minn quddiem is-sindku, bit-tama tad-djamant.

Daħlu fi djarhom u bdew jaħsbu xi ħlieqa jagħmlu lil żwieġhom. Katrin il-kbira, kellha ġirien tagħha wieħed biċċier ta' min jafda fih; marret għandu u qaltu xi ġralha, dan ikkonsiljaha:—"Għada mita jiġi żewġek mix-xogħol biex jiekol, qies li tagħmel ta' bir-ruħek marida, u għidlu biex imur iġiblek żewġ summiniet, u qies li tibgħatu, u nbagħad ħalli f'idejja."

Hekk għamlet. Il-għada mita żewġha ġie mix-xogħol, hi ma lestietlu xejn. Intefgħet fuq il-kannapè u bdiet tokrob, qaltlu b'qalbha maqsuma, li għandha uġigħ ta' ras, u li qabel ma jġibilha żewġ tajriet ma jgħaddilhiex. Dan, billi kien kaċċatur prim, u kien jirrispettaha, wara li gerger kemm felaħ, qabad, bil-qalb it-tajba, l-ixkubetta u l-barżakka u telqilha l-barra għall-kaċċa.

Hekk kif ħareġ, jidħol il-biċċier, żarmaw malajr-malajr il-kamra ta' isfel u armawha ħanut tal-ikel, fetħu l-bieb u bdew jaqlu l-fwied u l-patata. In-nies resqet u bdew ibigħu.

Ir-raġel ta' Katrin, wara ħafna ġiri u taħbit irnexxielu jispara għal żewġ summiniet u jniżżilhom, kollu ferħan erħielha lejn id-dar. Wasal fit-triq tiegħu, u kif midd idu għall-ħabbata, waqaf kollu skantat. Ħares u reġa' ħares, isib ħanut minnflok id-dar. Beda jitħasseb u jistaqsi lilu n-nifsu jekk ewwilla kienx q'ed joħlom b'għajnejh miftuħa... Jagħmel kuraġġ lilu n-nifsu, jidħol ġewwa. Tal-ħanut resaq fuqu, u: "X'tordna ħabib?" — qallu. L-ieħor:— "Ma nordna xejn, hawn dari!"— "Tridx tħallina minnek għax għandna x'nagħmlu biż-żejjed jekk trid tixtri xi ħaġa nservik, jekk ma tridx, ir-riħ li ġiebek jarġa' jieħdok u itilqilna l-barra." Wara ħafna ġlied mar għand il-ġendarm għas-sodisfazzjon.

Hekk kif telaq, il-biċċier kien pront neħħa kollox, għalaq il-bieb ta' barra u Katrin reġgħet bdiet tokrob b'rasha.

Żewġha ġie mal-ġendarm, u nħallikom taħsbu kif baqa' b'ħalqu miftuħ mita ma sabx il-ħanut li mar jirraporta. Il-ġendarm ħadha miegħu talli ried igħaddih biż-żuffjett, heddu li jitfgħu l-ħabs. Il-kaċċatur ried kieku jiskuża ruħu, ittanta ifehmu li ftit qabel kien hemm ħanut tassew, imma ma setax jipperswadih; il-ġendarm, wara li tmasħan u ċanfru, bewweġ għal affarih b'rabja ta' kelb fuqu. Malli daħal id-dar, Katrin bdiet teħodha miegħu talli dam, hu qalilha xi ġralu, u din bdiet tiddieħek bih u tgħaddih ta' miġnun.—"Mur kûl—qaltlu—"għax

id-debbulizza għamlet bik u q'ed thewden. X'ħanut, ħanut?... Hawn ma hawnx ħwienet."

Iż-żewġ nisa l-oħra sħab Katrin, semgħu b'din il-ħlieqa u bdew jaħsbu x'jagħmlu huma.

Ir-raġel ta' Wenza, il-fustanija, kien ħabib tal-qalb ma' Fra Gawdenzju, għalhekk urietu bl-affari tad-djamant; dan qalilha biex tħalli f'idejh, u żgur li d-daħka li beħsiebu jagħmel tkun aħjar minn tal-oħra, biss wissieha li malli jiġi r-raġel tibgħatu l-kunvent.

Hekk kif Pawlu, ir-raġel ta' Wenza, ġie biex joftor, martu kienet lesta qaltlu li l-ħabib tiegħu Fra Gawdenz kien ħassu ħażin u jixraq li jmur jarah qabel ma jiekol. Għalkemm kontra qalbu, Pawlu kellu jobdi u telqilha lejn il-kunvent. Staqsa għal l-ajk Fra Gawdenz, u dan, wara li feraħ bih qatigħ, staqsieh jekk kienx kiel; stiednu biex iekol, u Pawlu kiel u xorob kemm felaħ. L-ajk ħallatlu ftit oppju mal-inbid u wara ftit raqad. Fra Gawdenz libsu malajr iċ-ċoqqa u sejjaħ ajk ieħor, bl-ordni li jekk dak il-ġdid isemmi xi mara, ikun pront jatih daqtejn ta' dixxiplina.

Wara li stenbaħ, ħares ma' dwaru u jara li kien liebes ta' ajk, l-ieħor ma' ġenbu qiegħed jaqra. Ma stagħġebx ftit b'din il-biċċa stramba li sab ruħu fiha. Għajjat lil Wenza tiegħu, u l-ajk, bla kliem xejn, farfarlu daqtejn ta' dixxiplina kif tmiss il-liġi, u widdbu li ġol-kunvent ma jistâx isemmi nisa. Pawlu talab ir-raġuni tiegħu, u l-ieħor jilgħablu biss. Mita sar il-ħin ikkmandawh li joħroġ għaċ-ċirka mal-ajk tal-għassa.

Bil-qalb it-tajba kellu jobdi. Huma u qegħdin iduru, jaslu fil-bieb ta' Wenza martu, ħabbtu u kif fetħet, Pawlu kien pront jifraħ biha. Din għamlet ta' bir-ruħha li ma tafux u gżatu lill-ajk-l-ieħor, dan ċanfru u qallu li, la jmorru l-kunvent jugżah lil Fra Gawdenz.

Wara ċ-ċirka daħlu l-kunvent; qafel lil Pawlu fiċ-ċella u daqqlu xebgħa dixxiplina talli feraħ b'dik il-mara. Il-miskin għal xejn qal li dik hi martu Wenza, ħadd mill-ajkijiet ma tah widen; u b'kastig tawh iekol ħobż u ilma. Fra Gawdenz ħallatlu mal-ilma ftit oppju, u raqad fil-fond. Neżżgħuh b'iġri ċ-ċoqqa, għabbewh fuq il-ħmar, u ħaduh għand martu fl-aħjar nagħsa.

Il-għada filgħodu mita stenbaħ sab ruħu f'kamartu, u billi ftakar f'dak li ġralu ma ssugrax isejjaħ lil Wenza; din bdiet tgħajjat u tgħajru għażżien, tgħidlu biex ifittex imur għax-xogħol għax il-ħin kien għamel ġmielu. Pawlu qalilha xi ġralu u hi bdiet tidħak bih u tgħaddih ta' miġnun, qaltlu li kien q'ed ipaspar għax minn jumejn il-hawn ma kien mar imkien. Hu baqa' jisħaq fuq li qal, u juriha t-tbenġil li kellu f'dahru bis-swat, u hi tmerih u teħodha miegħu, sakemm, infuskat u mbaqbaq f'demmu, ħareġ għax-xogħol bla kafè.

Lunzjat, iż-żgħira, semgħet bil-ħlieqa li għamlu sħabha u ħasbet x'tagħmel hi biex tisboqhom. Ftehmet ma' xbinha s-sangristan Malgu, qaltlu li jekk jista' jkun hi ma tidhirx fil-logħob, dan wegħidha li jaħseb għal kollox hu. Lilha qalilha biss, li hekk kif ifeġġ fuq il-għatba Pietru, żewġha, tgħidlu li Malgu xbinu miet u ħaduh il-knisja, għalhekk jixraq li jmur jitlob għalih u jarah għall-aħħar darba.

Malgu, mar sab lil wieħed batut u wegħdu li jatih erbat ewwiek ta' Sqallija jekk għandu l-ħila joqgħod f'tebut taparsi mejjet. Inbagħad sab tnejn oħra tahom ħames biċċiet biex jilbsu ta' demonji u jmorru jbusu tebut li jkun minsub f'nofs il-knisja tar-raħal.

Mita Pietru spiċċa mix-xogħol u nġabar id-dar biex iekol, Lunzjat bdiet tibki u tixher, qaltlu li ma lestietlu xejn għaliex xbinhom Malgu miet sobtu, u kien jixraq li qabel ma jibda iekol imur sal-knisja jarah u jitlob għalih. Inħallikom taħsbu kif baqa' Pietru, kemm għela; bla telf ta' żmien telqilha lejn il-knisja. Hekk kif daħal, isib it-tebut bix-xemgħa jixgħel ma' dwaru; infexx jibki, xaqq il-għaraq għalih, u beda ħames *posti.* Il-lejl kien daħal ġmielu, għalhekk qabad siġġu u poġġa f'rokna.

Mita għadda l-ħin sewwa jisma' bħal tkaxkir ta' ktajjen, iwaqqaf widnejh, itawwal għonqu u jara ġejjin żewġt ixjaten.

Il-mejjet mita nduna, berraq għajnejh, ħaseb li d-demonji ħadu żball, ħasbuh li kien mejjet tassew u ġew biex ikarkruh magħhom.—Pietru mita rahom, qabditu t-tremerella, beda jibża' u mar trekken ġo konfessjonarju.—Ta' ġewwa t-tebut kien jinsab f'tapxa wisq ikbar minn ta' Pietru; dan mita rahom joqorbu lejh għolla l-għatu, lesta ruħu biex jaqbeż.

Resqu fuq it-tebut, tbaxxew biex ibusuh; ta' ġewwa ħaseb li sejjrin iġorruh magħhom fl-infern, għalhekk qabeż fuqhom u kollu mbażża' ħareġ jiġri mill-knisja; ix-xjaten mita raw hekk, bdew jibżgħu mill-mejjet u telqulha b'saqajhom wara daharhom jiġru kemm jifilħu l-barra. Pietru,imxarrab u mriegħed bil-biża', telqilha kutu-kutu lejn id-dar b'nifsu maqtugħ.

Malli wasal qal kollox, kull ma ra:—"Mur obsor għal xbini Malgu, kemm kien jidher raġel twajjeb?...—tafx li ġew ix-xjaten għalih u ġarrewh magħhom?..."—Il-mara għamlet ta' bir-ruħha li ma taf b'xejn; u biex tieħu tagħha minn fuq staqsietu bil-herra: "Fejn kont f'dan il-ħin kollu? Ilni nsaħħan u nberred mill-*Ave Marija!...*

Hu beda jipperswadiha, qalilha li hi kienet li bgħatitu biex jara lil xbinu Malgu, li nbagħad ma setax joħroġ mill-knisja billi ġew id-demonji għalih. Lunzjat bdiet tieħu tagħha, tidħak u tgħaddih ta' belhieni; qaltlu li Malgu ma għandu xejn, f'saħtu u mimli bil-għomor, u biex twettaq il-kliem tagħha qaltlu li, għadu kemm ħareġ minn hemm, għax mar ifittxu. Qaltlu wkoll

biex imur iekol u jħallih minn dawk il-ħmerijiet li twebbel bihom.

Għal xejn Pietru ried ifehemha, Lunzjat ma riedet tisma' b'xejn. Ħallietu jkanta waħdu fuq xbinu Malgu.

Għal dik il-lejla Pietru mar jitrejjaq, u Lunzjat kollha ferħana billi għamlet, marret tistrieħ bit-tama tad-djamant.

Il-għada, it-tliet nisa, bikri-bikri, sabu ruħhom quddiem is-sindku, irrakkuntawlu l-ħlieqa li għamlu lil żwieġhom. Wara li bis-sabar kollu s-sindku semagħhom, qal :—"Il-kbira daħket b'żewġha biss ; il-fustanija b'ċajta waħda daħket bi tnejn : b'żewġha u bl-ajk li kellu miegħu għad-dixxiplina; iż-żgħira kellha ħila, bla ma tidher hi, tidħak b'erbgħa min-nies: b'dak li għamilha ta' mejjet ġot-tebut, b'żewġha, u biż-żewġt ixjaten. Għalhekk hi kienet li ndunat l-ewwel bid-djamant, u lilha jistħoqq għal mertu tal-ħtieqa tagħha.

Il-għada, mita Lunzjat uriet lil żewġha Pietru d-djamant u qaltlu minn fejn u kif kisbitu, faħħar il-għaqal ta' martu, u ma setax li ma jgħidx : Kemm jilħqilha !

La Croce Ottagona. (G. Micallef Goggi).

[ *Din ħadet it-tielet premju* ]

# BUQAR GĦAŻIŻ

Fl-ewwel jiem tas-sajf l-ieħor, waqt li x-xemx kienet toqrob sabiex tinħeba' wara x-xefaq, Anni, xbejba bidwija, kienet tkun mimduda fuq wiċċ ta' blata tgħasses merħla mogħoż jirgħu fuq l-irqajja nebbieta ta' xagħra ċkejkna.

Kif kienet tkun hekk imxaħxħa kull tant tgħanni, kull tant tmelles u tkellem lil ħbiebha li jersqu lejha, darba waħda, hija semgħet ħsejjes ta' mixi wrajha. Ħarset l-ura u riesaq għal fuqha sabet żagħżugħ. Minn fuqu għajnejha ma neħħithomx sakemm, mixruba fiha nfisha bil-ġmiel ta' surtu u ta' ħwejġu, b'mistħija liema bħalha qamet bil-wieqfa u wiċċha fil-ħin baxxiet.

"Xbejba, mnejn nikseb ftit ilma nadif għaliex inħossni mejjet bil-għatx ?" saqsiha l-barrani b'leħen li daħlilha f'qalbha.

B'ċaqliqa minn ta' rasha Anni wrietu li tridu jmur magħha. Iż-żagħżugħ malajr obdiha. Bi ftit mixi huma waslu quddiem ġiebja ta' għandar waħdieni. Mingħajr kliem hija mliet barmil ilma kiesaħ, daħlet tiġri ġewwa ġġib buqar żgħir li kellhom merfugħ u ħaslitu mill-għabra. Inbagħad imlietu bl-ilma u newlitu liż-żagħżugħ b'id imregħda, b'għaxqa ta' wiċċ samrani, b'għajnejn kbar u suwed tuta jleqqu bid-dija ħamranija ta' nżul ix-xemx, b'xofftejn ħomor qrolla u b'qalb trid tinqasam bit-taħbit.

Bilkemm huwa leħaq taffa' l-għatx li kellu li ma taħiex il-lejl it-tajjeb. Anni, kollha mqanqla, qagħdet taraħ jitbiegħed; u għad illi min jaf fejn kien mar, id-dehra tiegħu u leħnu kienu baqgħu magħha.

"Kemm-il-mniegħel sejra ddewwem dawk il-mogħoż barra?" instemgħet tidwi l-mistoqsija mbaqbqa ta' missierha hu u dieħel għall-għaxa tiegħu.

Anni nħasdet u beżgħet; u f'ħin qasir kellha ssewwi n-nuqqas tagħha.

Malli kielet marret torqod wisq ħusbiena. Qrib nofs il-lejl hija stembħet, qamet fil-ħin, qabdet il-buqar u ħarġet tgħaġġel bih lejn il-ġiebja. Iżda mita ma' dwarha ma sabitx għajr żiffa ħafifa, ħemda u dalma miksura biss mid-dawl mitbiel tal-kwiekeb, tgħallmet illi l-bniedem joħlom.

Hija reġgħet daħlet il-ġewwa u mħawda bl-ewwel ħolma tagħha u mfixkla bl-inħir qawwi ta' missierha, issoktat, il-lejl tgħannaq u tbus il-buqar.

Ma' tul il-jiem taħseb u ma' tul il-lejieli toħlom fuq il-bniedem li mess il-buqar b'idejh, iż-żagħżugħa bidwija għaddiet ix-xhur ta' bejn is-sajf u x-xitwa; xhur li temmulha s-sikta ta' moħħa u ta' qalbha u li fihom il-buqar għażiż infexxet tqim bil-ġenn.

Missierha u ommha ndunaw bil-bidla tagħha; ukoll rawha kemm-il-darba bl-imbierek buqar f'idejha. Għodwa waħda, wara li kienu xebgħu jsejħulha għall-għażiq, daħlu jfittxuha fil-għorfa. Hemm kienu sabuha bil-qegħda f'rokna belhâna tħares lejn il-buqar. L-omm, fgata f'demmha, ħatfet it-tifkira ta' bintha u dlonk sabbtitha ma' l-art

"X'tak għalih minn xi tliet xhur il-hawn, anqas li saħħrek?" ried ikun jaf missierha.

"Hekk...hekk, issa żgur ma titlifx żmien aktar fuqu...isa imxi agħżaq," qabżet ommha.

Anni ma wiġbithom xejn għajr ilfiq ta' qsim il-qalb. Hekk imbikkija hija ġabret il-biċċiet, egħżeż minn ġawhar għaliha, u ħarġet tiġri taħbihom xi mkien imwarrab.

Ġimagħtejn wara ommha lemħitha ħdejn borġ ġebel bil-fdal tal-buqar f'ħoġorha. Anqas kien għadda jum ieħor li Anni ma sabitx il-moħba tagħha battâla. Miskina, kif ħasset bħal id tal-ħadid tagħfsilha qalbha, kif infexxet fi tnehida twila, xħin gelgul ta' dmugħ ħareġ minn għajnejha.

Oh xbejba minsija ġor-raba' kemm ħabbejt u kemm qimt waħdek għal xejn, biex iż-żagħżugħ li kebbsek bl-imħabba ma fehemx il-ġieh u s-sbuħija tiegħek; u biex fl-aħħar dawk ta' darek ħrduk għal dejjem mill-buqar għażiż li kienlek il-faraġ tas-safja qalbek.

Maltinu (Nazzarenu Carabott).

[ *Din ħadet l-ewwel premju tal-poeżija* ]

# QUDDIEM KEMMUNA

## ĦSEBIJIET

Waħdek, ħosbiena f'nofs il-baħar tagħna
Bla ħoss, bla ġrajja, bla tbissim, bla dija
X'inti titħasseb f'dan is-skiet saħħari,
Gżira minsija ?

Għidli x'qe'd taħseb, ħa' lil ħsiebi ngħolli
F'għanja sabiħa kif ġarrabt f'widnejja
Ħa' tidwi f'kalbhom xħin ikunu niesna
Minn ħdejk għaddejja.

U l-baħar jgħidha fil-lejliet sajfija
Waqt li mitlufa f'taħdidiet ta' mħabba
Flimkien titgħannqu u titbewsu siekta
Bla ħsieb li jtabba,

Jien ħsiebek qrajtu, u lil qalbek nafha,
U naf il-ħolma li hemm ġew qe'd tfawwar,
Ħolma li tisboq ix-xewqat ta' l-Anġli
—Tlellix ta' ġawhar.

Int qatt ma kellek, art, il-bews kaħlani,
Qlub kalbenija li ħabbew lil dinek,
Int qatt ma rajtu l-isem t'omm jinkiteb
Ħelu fuq ġbinek.

U qatt ma rifes ħadd fuq xtutek niedja
Li wara żjara ma telaqx u biegħek;
Fik l-ebda nisel qatt ma ħa' twelidu
Ġensna m'hux tiegħek.

Hekk bqajt għaddejja ġewwa d-dlam ta' l-iżmna
Miftuma dejjem mill-ħlewwiet xenqija
Mingħajr uliedek li jsedquk bi ġmielhom
Lwien ir-rebbiegħa

U waqt li ħutek (1) wirtu sebħ u kobor,
Minn ġrajja mdemma ta' kull ġieh tifkira
Int bqajt hemm waħdek bla xewqat u tama
Minsija u fqira.

Iżd'int tistabar; mhux għal dan għajjura,
Int trid s'hem ċkejken minn tan-nisel tagħna
Xbejbiet u żgħażagħ li jbiddlulek qalbek
F'ħajja ferħana.

Gżira sabiħa din hi l-għanja tiegħek,
Din hija l-ħolma u din hi l-waħħama;
Int trid imħabba u jum l-imħabba jżernak
Għanni u ttama.

NINFA CALYPSO (GIORGIO PISANI).

(1). Il-gżejjer ta' Malta u Għawdex

[ *Din ħadet it-tieni premju* ]

# OMM

LIL OĦTI

Ħallini nħaddnek, għażiża oħti, miegħi
W-inq'għed fuq ġbinek fommi,
Biex hemm inħalli l-bewsa tal-qalb tiegħi
Minn flok fuq il-ġbin t'ommi.
Għax lilha rajt quddiemi, w x'ħin dirgħajja
Infetħu biex minn tagħha nilqa' l-benna,
Jien l-ajru għalaqt ma' sidri flok il-ħajja,
U minnufih ftakart li qegħda l-Ġenna!

Nistħajjel, oħt, se'r tistaqsini l-għala
Daqshekk jien l-ommi nqima.
Jien nagħdrek għax int omm ma tafx xi tfisser,
Għax ċkejkna bqajt iltima.
Iżda ma nafx infhemek, maħbuba oħti,
Bil-kliem xi tkun din l-omm, sejħa qawwija;
Għalhekk ngħidlek kelmtej' fuq fuq kif nista'
Biex int tagħraf il-bqija.

* * *

Omm dik li ttik il-ħajja w-għal imħabbtek
Iġġarrab kull tbatija;
Omm dik li tibqa' tqimek ma' tul ħajtek
Daqs mita kont tarbija.
Hi dik li dejjem taħseb
Biex tgħallmek biss is-sewwa;
Hi l-għajta li ssejjaħlek
Mit-triq bil-qerq mixgħula tal-egħdewwa,
Hi l-kenn ta' l-iben twajjeb,
Hi s-serħ ta' l-iben niedem,
Hi l-ġabra ta' kull tieba
Li timxi mit-twelid sal-mewt tal-bniedem.

* * *

Dik hija l-omm li fl-ewwel xhur ta' ħajtek
Ħallietek, maħbuba oħti, minnha fqira;
Iżda tibżax għax fuq ħaddejk tinġabar
Xbihietha—l-egħżeż wirt, l-egħżeż tifkira.

Għalhekk ħallini nħaddnek, oħti, miegħi
W-inq'għed fuq ġbinek fommi,
Biex hemm inħalli l-bewsa tal-qalb tiegħi
Minn flok fuq il-ġbin t'ommi

"PRO PATRIA" (ARTHUR V. VASSALLO).

[ *Din ħadet it-tielet premju* ]

# LIL MIRJAM

Ilqa' safi l-bews ta' mħabba,
Ilqa' Mirjam, tiegħi, is-sliem,
W-ilqa' l-għanja li sawwartlek
Għalkemm dgħajjef tagħha l-kliem.
Li ma kienx it-trab li jimla
L-ajru kollu, kieku s-swied·
Kien idallam wiċċ is-sema,
Jitfi kien l-egħġubijiet;
Li ma kienx il-kobor tiegħek
Li jinfirex fuq dal-wied
Kienet kieku ġmiel il-ġenna
Taħbi l-kruha tad-dnubiet.
Art ma hemmx li ma tmurx tixrob
Dik is-saħħa minn tax-xemx;
Qalb li l-benna minn ta' ħnientek
Ma tmurx tarda, le, ma hemmx.
Kif in-naħla l-għasel tiġbor
Minn ġe' l-qalba tal-wardiet,
Hekk, ja Warda, mill-qalb tiegħek
Jaqla' l-midneb il-ħlewwiet.
Għal kull ħarsa turi ħniena,
Għal kull sliema ferħa trodd,
Għal kull talba għatja tati,
Kull tifħir għalik igħodd.
Ismek duwa għal kull marda,
Ismek għasel għall-imrar,
Ismek tarka għar-ruħ minn tagħna,
Ismek libsa tal-ażżar!
Inti Sebħ: tad-dlam is-saltna
Tmur quddiemek hija ddub,
Inti d-dawl tal-ħajja tħabbar,
Tixgħel b'nar ta' mħabba l-qlub!
Int qawsalla: għelm is-sliema,
Għelm il-maħfra nsibu fik;
Inti xemx li tqawwi l-qalbna
U kull ruħ tistejker bik!
Inti għajn ta' l-ikbar ħlewwa:
Kemm midinba jersqu lejk
Sabiex jaqtgħu l-għatx ta' mħabba
Ħienja l-koll hemm jibqgħu ħdejk!
"Trieq-il-Ġenna"—Kemm joqgħodlok
Dana l-isem hekk sabiħ,
Mîn jinsik bl-imħabba tiegħu
Qatt, j'Omm ħelwa, ma tinsieh!
L-ikbar setgħa, ~~l-ikbar qawwa~~ Ħelwa Mirjam
Int turiha f'dak il-ħin

E.M. Pace, Bormla

**ABBONAMENT**

6d. kull sitt xhur
1s. kull sena
Kopja wahda sold
Ghal barra minn
Malta id-doppju.